



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0285/2012

26.9.2012

RAPPORT

bi proposta għal rakkmandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viżi għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky
(2012/2142(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Kristiina Ojuland

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL	3
PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI B7-0196/2012	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	8

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW LILL-KUNSILL

**dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viżi għal uffiċjali Russi
involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky
(2012/2142(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 215 tat-TFUE,
 - wara li kkunsidra l-proposta għal rakkmandazzjoni lill-Kunsill minn Guy Verhofstadt u Kristiina Ojuland, f'isem il-Grupp Alde (B7-0196/2012),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja fl-2009 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar is-Samit UE-Russja li se jsir fil-15 ta' Diċembru 2011 u l-eżitu tal-elezzjonijiet tad-Duma tal-4 ta' Diċembru 2011³,
 - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2012 lill-Kunsill dwar politika konsistenti fil-konfront ta' reġimi awtoritarji, li kontrihom l-UE tapplika miżuri restrittivi⁴,
 - wara li kkunsidra l-adozzjoni tal-Att ta' Responsabilità tal-Istat tad-Dritt ta' Sergei Magnitsky mill-Kumitat għar-Relazzjonijiet Barranin tas-Senat tal-Istati Uniti fis-26 ta' Ġunju 2012, li jfitter li jimponi projbizzjonijiet tal-viżi, u ffriżar ta' beni fuq uffiċjali Russi allegatament involuti fid-detenzjoni, l-abbuż u l-mewt ta' Sergei Magnitsky,
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' riżoluzzjoni bit-titolu ‘Rule of law in Russia: case of Sergei Magnitsky’ (L-istat tad-dritt fir-Russja: il-każ ta' Sergei Magnitsky), li ġie ppreżżentat fissa-sessjoni annwali tal-2012 tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, li jitlob lill-parlamenti nazzjonali jieħdu azzjoni sabiex jimponu sanzjonijiet fuq il-viżi u ffriżar ta' beni;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 121(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0000/2012),
- A. billi l-arrest, il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni u l-mewt sussegwenti waqt l-arrest ta'

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0066.

² Testi adottati, P7_TA(2010)0489.

³ Testi adottati, P7_TA(2011)0575.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2012)0018.

Sergei Magnitsky jirrappreżentaw każ dokumentat tajjeb u sostanzjali ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

- B. billi l-prosekuzzjoni wara l-mewt ta' Sergei Magnitsky tikkostitwixxi ksur tal-liġijiet internazzjonali u nazzjonali, u turi biċ-ċar il-funzjonament ħażin tas-sistema tal-ġustizzja kriminali Russa;
 - C. billi l-Federazzjoni Russa, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, ikkommettiet ruħha li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, u billi l-Unjoni Ewropea b'mod repetut offriet appoġġ addizzjonali u għarfien espert sabiex tgħin lill-Federazzjoni Russa timmodernizza u tirrispetta l-ordni kostituzzjonali u legali tagħha;
 - D. billi, minkejja l-konklużjonijiet tal-2011 tal-inkiesta li twettqet mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Presidenza Russa dwar l-illegalità tal-arrest ta' Sergei Magnitsky, id-detenzjoni u l-aċċess miċħud għall-ġustizzja, l-investigazzjonijiet waqfu u l-uffiċjali involuti ġew eżonerati u saħansitra ġew assenjati l-każ ta' wara l-mewt tiegħu; billi tali azzjonijiet min-naħħa tal-awtoritajiet juru natura politikament motivata tal-prosekuzzjoni ta' Magnitsky;
 - E. billi l-Unjoni Ewropea ħeġġet lill-awtoritajiet Russi f'bosta okkażjonijiet u formati, minn konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem sa laqgħat fil-livell ta' samit sabiex iwettqu investigazzjonijiet indipendenti fid-dettall f'dan il-każ speċjalisti u dokumentat tajjeb u sabiex iġibū fī tmiem il-klima attwali ta' impunità;
 - F. billi l-każ ta' Sergei Magnitsky huwa biss wieħed iżda l-aktar każ prominenti u dokumentat tajjeb ta' abbuż ta' setgħa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi Russi, li jikser bi kbir l-istat tad-dritt; billi jeżistu numru kbir ta' każżejjiet ġuridiċi oħra bl-użu sistematiku tal-pretest ta' reati ekonomiċi u allegat korruzzjoni sabiex jiġu eliminati kompetituri kummerċjali jew rivali politiċi;
 - G. billi r-restrizzjonijiet tal-viża u miżuri restrittivi oħra mhumiex sanzjonijiet ġudizzjarji tradizzjonali per se, iżda jikkostitwixxu sinjal politiku tat-ħassib tal-UE għal pubbliku aktar wiesa', u għalhekk jibqgħu strument neċċessarju u leġittimu tal-politika għall-affarijiet barranin;
 - H. billi s-sanzjonijiet tal-UE relatati mal-każ Magnitsky jistgħu jħeġġu lill-awtoritajiet Russi jagħmlu sforzi ġenwini u ġoddha sabiex jindirizzaw, b'mod aktar konkret u konvinċenti, il-kwistjoni tal-istat tad-dritt ġewwa r-Russia u l-klima attwali ta' impunità;
 - I. billi diversi parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE – fosthom l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju Unit, l-Isveja u l-Polonja – digħi għaddew riżoluzzjonijiet li jħeġġu lill-gvernijiet tagħhom jintroduċu sanzjonijiet fuq il-każ Magnitsky, filwaqt li diversi parlamenti nazzjonali oħra bħal dawk tal-Portugall, Franzja, Spanja u l-Latvja qeqhdin fl-istadju inizjali ta' abbozzar ta' riżoluzzjonijiet bħal dawn;
1. Jindirizza r-rakkmandazzjoni li ġejjin lill-Kunsill:
 - (a) biex tiġi stabbilita lista komuni tal-UE tal-uffiċjali responsabbi għall-mewt ta'

Sergei Magnitsky, il-ħabi sussegwenti fil-livell ġudizzjarju u l-fastidju kontinwu u sostnun fil-konfront ta' ommu u l-armla tiegħu;

- (b) biex tiġi imposta u implimentata projbizzjoni tal-viża mal-UE kollha fuq dawn l-uffiċjali u biex jiġu ffriżati kwalunkwe assi finanzjarji li huma jew il-familji tagħhom jista' jkollhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
 - (c) biex ir-Russja tiġi mistiedna tagħmel investigazzjoni kredibbli u indipendenti dwar l-aspetti kollha ta' dan il-każ traġiku u tressaq lil dawk kollha responsabbli quddiem il-ġustizzja;
 - (d) biex l-awtoritajiet Russi jiġu mħeġġa jġibu fi tmiem il-korruzzjoni mifruxa, jirriformaw is-sistema ġudizzjarja u tinġieb konformi mal-istandardi internazzjonali billi tinħoloq sistema indipendenti, ġusta u trasparenti sabiex taħt l-ebda ċirkostanza ma tkun tista' tintuża ħażin għal raġunijiet politiċi;
 - (e) biex din il-kwistjoni, flimkien mal-kwistjoni tal-intimidazzjoni u l-impunità fir-rigward ta' każijiet li jinvolvu difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u avukati, titqajjem waqt laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet Russi b'mod aktar determinat, riżolut u orjentat lejn ir-riżultati;
2. Iħeġġeġ lill-Kunsill jieħu pożizzjoni aktar koerenti u proattiva dwar ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa r-Russja, abbażi ta' sorsi dokumentati tajjeb, konverġenti u indipendenti u evidenza konvinċenti, u bħala miżuri aħħarija jintroduċi miżuri restrittivi simili kontra dawk li jwettqu r-reat;
 3. Jenfasizza li l-impenn tal-awtoritajiet Russi għall-valuri bażiċi bħall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet bażiċi, jibqa' l-prerekwiżit ewljeni tar-relazzjonijiet UE-Russja u għall-iżvilupp ta' sħubija stabbli u ta' min jorbot fuqha bejn iż-żewġ partijiet;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u, bħala informazzjoni, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lid-Duma Statali Russa u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.

PROPOSTA GĦAL RAKKOMANDAZZJONI B7-0196/2012

skont l-Artikolu 121(1) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Guy Verhofstadt, Kristiina Ojuland f'isem il-grupp ALDE

dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viżi għal uffiċjali Russi involuti fil-każ Sergei Magnitsky

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 215 tat-TFUE,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar politika konsistenti dwar miżuri restrittivi, li ġiet adottata fit-2 ta' Frar 2012¹
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni mill-Istati Uniti li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar għal 60 uffiċjal li huma involuti fil-każ Sergei Magnitsky u kunsiderazzjonijiet simili f'numru ta' pajjiżi oħra,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 121(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-arrest u l-mewt sussegwenti waqt l-arrest ta' Sergei Magnitsky jirrappreżentaw każ dokumentat tajjeb u sostanzjali ta' nuqqas ta' rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ġewwa r-Russja, u jservu ta' tfakkira li tkexkex dwar il-bosta nuqqasijiet dokumentati fir-rigward tar-rispetti li jintwera għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali fir-Russja;
- B. billi r-Russja, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa, ikkommietti ruħha li tirrispetta bissiħ id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt, u billi l-Unjoni Ewropea b'mod repetut offriet appoġġ addizzjonali u għarfien espert sabiex tgħin lir-Russja timmodernizza u tirrispetta l-ordni kostituzzjonal u legali tagħha, b'konformità mal-istandardi tal-Kunsill tal-Ewropa;
- C. billi dejjem qed tiżdied il-ħtieġa għal politika soda, robusta u komprensiva tal-UE fil-konfront tar-Russja, li tipprovd appoġġ u għajnejna flimkien ma' kritika soda u ġusta, inklużi, fejn meħtieġ, sanzjonijiet u miżuri restrittivi;
- D. billi r-restrizzjonijiet tal-viża u miżuri restrittivi oħra mħumiex sanzjonijiet ġudizzjarji tradizzjonali per se, iżda jikkostitwixxu sinjal politiku tat-tħassib tal-UE għal pubbliku aktar wiesa', u għalhekk jibqgħu strument neċessarju u leġittimu tal-politika għall-affarijiet barranin;

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0018.

1. Jindirizza r-rakkmandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill:
 - (a) biex tiġi stabilita lista komuni tal-UE tal-uffiċjali responsabbi għall-mewt ta' Sergei Magnitsky, il-ħabi sussegwenti fil-livell ġudizzjarju u l-fastidju kontinwu u sostnut fil-konfront ta' ommu u l-armla tiegħu;
 - (b) biex tiġi imposta u implimentata projbizzjoni tal-viża mal-UE kollha fuq dawn l-uffiċjali u biex jiġu ffriżati kwalunkwe assi finanzjarji li huma jew il-familji tagħhom jista' jkollhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea;
 - (c) biex ir-Russia tiġi mistiedna tagħmel investigazzjoni kredibbli u indipendenti li tinkludi l-aspetti kollha ta' dan il-każ traġiku;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkmandazzjoni lill-Kunsill u, bħala informazzjoni, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lid-Duma tal-Istat u lill-Gvern tar-Russia.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 62 2 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Liisa Jaakonsaari, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Charles Tannock, Inese Vaidere, Johannes Cornelis van Baalen, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikienė, Elena Băsescu, Marije Cornelissen, Jacek Protasiewicz, Teresa Riera Madurell, Carmen Romero López, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Alf Svensson, Indrek Tarand, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl, Luis Yáñez-Barnuevo García, Joachim Zeller, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivari Padar